REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/444

tal-25 ta' Marzu 2020

li jinvalida fatturi maħruġin minn Wuxi Suntech Power Co. Ltd bi ksur tal-impenn imħassar bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1570

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 8 u 14 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ([2]), b'mod partikolari l-Artikoli 13 u 24 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1238/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 ([3]) li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw fi jew li huma kkunsinjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u b'mod partikulari l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2013 ([4]) tat-2 ta' Diċembru 2013 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw jew li huma kkunsinjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u b'mod partikulari l-Artikolu 2 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/366 tal-1 ta' Marzu 2017 ([5]) li jimponi dazji kumpensatorji fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli) li joriġinaw jew jintbagħtu mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jtemm l-investigazzjoni dwar ir-rieżami interim parzjali skont l-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2016/1037,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/367 tal-1 ta' Marzu 2017 ([6]) li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli) li joriġinaw jew jintbagħtu mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jtemm l-investigazzjoni dwar ir-rieżami interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1570 tal-15 ta' Settembru 2017 ([7]) li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/366 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/367 li jimponu dazji antidumping u kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw fi jew li huma kkunsinjati mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jirrevoka d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/707/UE li tikkonferma l-aċċettazzjoni ta' impenn offrut b'rabta mal-proċedimenti ta' antidumping u antisussidji li jikkonċernaw l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi bis-siliċju kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli) li joriġinaw jew jintbagħtu mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-perjodu ta' applikazzjoni ta' miżuri definittivi,

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.
([3]) ĠU L 325, 5.12.2013, p. 1.
([4]) ĠU L 325, 5.12.2013, p. 66.
([5]) ĠU L 56, 3.3.2017, p. 1.
([6]) ĠU L 56, 3.3.2017, p. 131.
([7]) ĠU L 238, 16.9.2017, p. 22.

Billi:

A. **IMPENN U MIŻURI OĦRAJN**

(1) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1238/2013, il-Kunsill impona dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' moduli u ta' ċelloli ("il-prodott ikkonċernat") fl-Unjoni li joriġinaw jew li jintbagħtu mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ir-"RPĊ"). Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1239/2013, il-Kunsill impona wkoll dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fl-Unjoni.

(2) Il-Kamra tal-Kummerċ taċ-Ċina għall-Importazzjoni u l-Esportazzjoni ta' Makkinarju u Prodotti Elettroniċi (China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products, "is-CCCME") ippreżentat, f'isem grupp ta' produtturi esportaturi, inklużi l-partijiet relatati tagħhom, impenn fuq il-prezz lill-Kummissjoni. Permezz tad-Deċiżjoni 2013/423/UE ([8]), il-Kummissjoni aċċettat dan l-impenn fuq il-prezz fir-rigward tad-dazju anti-dumping proviżorju. Wara n-notifika ta' verżjoni emendata tal-impenn fuq il-prezz minn grupp ta' produtturi esportaturi flimkien mas-CCCME, il-Kummissjoni kkonfermat permezz tad-Deċiżjoni 2013/707/UE tal-4 ta' Diċembru 2013 ([9]) li aċċettat l-impenn tal-prezz kif emendat għall-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri anti-dumping u kumpensatorji definittivi ("l-impenn"). L-impenn ġie aċċettat, fost l-oħrajn, għal Wuxi Suntech Power Co. Ltd koperta mill-kodiċi addizzjonali TARIC B796 ("Wuxi Suntech").

(3) Il-Kummissjoni adottat ukoll Deċiżjoni li tiċċara l-implimentazzjoni tal-impenn ([10]) u 15-il regolament li jirtiraw l-aċċettazzjoni tal-impenn għal diversi produtturi esportaturi u, fejn applikabbli, li tinvalida l-fatturi tal-impenn ([11]).

(4) Bir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/185 ([12]) u (UE) 2016/184 ([13]), il-Kummissjoni estendiet id-dazji anti-dumping u kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw fir-RPĊ jew li huma kkunsinjati minnha għall-importazzjoni ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) kkunsinjati mill-Malasja u t-Tajwan bl-eċċezzjoni ta' numru ta' produtturi ġenwini.

(5) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/367 ("ir-Regolament tal-anti-dumping tar-rieżami tal-iskadenza"), il-Kummissjoni estendiet id-dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw fi jew li huma kkunsinjati mir-RPĊ wara rieżami ta' skadenza u li jtemm l-investigazzjoni dwar ir-rieżami interim parzjali skont, rispettivament, l-Artikolu 11(2) u l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2016/1036 (ir-"Regolament bażiku dwar l-anti-dumping").

(6) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/366 ("ir-Regolament tar-rieżami tal-iskadenza antisussidji"), il-Kummissjoni estendiet id-dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw fi jew li huma kkunsinjati mir-RPĊ wara rieżami ta' skadenza u li jtemm l-investigazzjoni dwar ir-rieżami interim parzjali skont, rispettivament, l-Artikolu 18(2) u l-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2016/1037 (ir-"Regolament bażiku dwar l-antisussidji").

(7) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1570 ("ir-Regolament ta' revoka"), il-Kummissjoni ħassret l-impenn.

([8]) ĠU L 209, 3.8.2013, p. 26.
([9]) ĠU L 325, 5.12.2013, p. 214.
([10]) ĠU L 270, 11.9.2014, p. 6.
([11]) Ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/866 (ĠU L 139, 5.6.2015, p. 30), (UE) 2015/1403 (ĠU L 218, 19.8.2015, p. 1), (UE) 2015/2018 (ĠU L 295, 12.11.2015, p. 23), (UE) 2016/115 (ĠU L 23, 29.1.2016, p. 47), (UE) 2016/1045 (ĠU L 170, 29.6.2016, p. 5), (UE) 2016/1382 (ĠU L 222, 17.8.2016, p. 10), (UE) 2016/1402 (ĠU L 228, 23.8.2016, p. 16), (UE) 2016/1998 (ĠU L 308, 16.11.2016, p. 8), (UE) 2016/2146 (ĠU L 333, 8.12.2016, p. 4), (UE) 2017/454 (ĠU L 71, 16.3.2017, p. 5), (UE) 2017/941 (ĠU L 142, 2.6.2017, p. 43), (UE) 2017/1408 (ĠU L 201, 2.8.2017, p. 3), (UE) 2017/1497 (ĠU L 218, 24.8.2017, p. 10), (UE) 2017/1524 (ĠU L 230, 6.9.2017, p. 11), (UE) 2017/1589 (ĠU L 241, 20.9.2017, p. 21) li jirtiraw l-aċċettazzjoni tal-impenn għal bosta produtturi esportaturi.
([12]) ĠU L 37, 12.2.2016, p. 76.
([13]) ĠU L 37, 12.2.2016, p. 56.

(8) Permezz tal-avviżi 2018/C 310/06 ([14]) u 2018/C 310/07 ([15]), il-Kummissjoni avżat li d-dazju anti-dumping u d-dazju antisussidji fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw jew li huma kkunsinnati mir-RPĊ skadew fit-3 ta' Settembru 2018.

B. **TERMINI TAL-IMPENN**

(9) Skont it-termini tal-impenn, il-produtturi esportaturi qablu, fost l-oħrajn, li ma jbigħux il-prodott ikkonċernat lill-ewwel klijent indipendenti fl-Unjoni taħt ċertu prezz minimu ta' importazzjoni ("PMI"). Il-PMI kien suġġett għal mekkaniżmu ta' aġġustament trimestrali b'referenza għall-prezzijiet spot internazzjonali tal-moduli inklużi l-prezzijiet Ċiniżi kif irrapportati mill-bażi ta' *data* ta' Bloomberg.

(10) Il-produtturi esportaturi qablu wkoll li jbigħu l-prodott ikkonċernat biss permezz ta' bejgħ dirett. Għall-fini tal-impenn, bejgħ dirett kien iddefinit bħala bejgħ jew lill-ewwel klijent indipendenti fl-Unjoni jew permezz ta' parti relatata fl-Unjoni elenkata fl-impenn.

(11) It-termini ta' impenn taw dettalji wkoll dwar l-obbligi ta' rappurtar tal-esportatur lill-Kummissjoni u li n-nuqqas ta' konformità ma' dawn l-obbligi kkostitwixxa ksur tal-impenn.

(12) L-obbligi ta' rappurtar tal-impenn stipulaw li kull esportatur ippreżenta lill-Kummissjoni, fost l-oħrajn, rapporti trimestrali tal-bejgħ dirett tiegħu lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, tal-bejgħ tiegħu lil partijiet relatati, kif irreġistrat fl-impenn, fl-Unjoni u tal-bejgħ tal-partijiet relatati tiegħu, kif irreġistrat fl-impenn, lill-ewwel klijent indipendenti fl-Unjoni. Dan fisser li d-*data* ppreżentata f'dawn ir-rapporti trimestrali trid tkun kompluta u korretta u li t-tranżazzjonijiet irrappurtati kienu totalment konformi mat-termini tal-impenn. Ir-rappurtar ta' bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni kien obbligu partikolari meta l-prodott ikkonċernat inbiegħ lill-ewwel klijent indipendenti permezz ta' importatur relatat, kif irreġistrat fl-impenn. Huma biss dawn ir-rapporti li ppermettew lill-Kummissjoni tissorvelja jekk il-prezz tal-bejgħ mill-ġdid tal-importatur relatat lill-ewwel klijent indipendenti kienx skont il-PMI.

(13) Skont l-impenn, kull produttur esportatur ikun responsabbli wkoll għall-ksur ta' kwalunkwe parti relatata, kemm jekk kienet elenkata fl-impenn kif ukoll jekk le.

(14) B'mod simili, il-produtturi esportaturi impenjaw ruħhom ukoll li jikkonsultaw mal-Kummissjoni rigward kull diffikultà jew kwistjoni, teknika jew ta' xort'oħra, li tista' tinqala' matul l-implimentazzjoni tal-impenn.

C. **REVOKA TAL-IMPENN**

(15) L-impenn kien inizjalment aċċettat minn aktar minn 120 kumpanija/grupp ta' kumpaniji. Sadanittant, il-Kummissjoni rtirat l-aċċettazzjoni tagħha tal-impenn għal 19-il kumpanija. Sbatax minnhom instabu li kisru l-impenn filwaqt li ż-żewġ kumpaniji l-oħra kellhom mudelli ta' negozju li għamluha imprattikabbli li tiġi ssorveljata l-konformità tagħhom mal-impenn. Barra minn hekk, 16-il kumpanija Ċiniża oħra rtiraw volontarjament mill-impenn.

(16) B'riżultat tar-Regolament ta' revoka, il-Kummissjoni ħassret l-impenn u introduċiet dazju varjabbli fil-forma ta' prezz minimu ta' importazzjoni ("il-PMI ta' dazju varjabbli"). Il-PMI ta' dazju varjabbli kellu l-effett li importazzjonijiet eliġibbli b'valur iddikjarat fil-livell tal-PMI, jew ogħla minnu, ma jkunux soġġetti għal dazji. Barra minn hekk, l-awtoritajiet doganali jimponu d-dazji immedjatament jekk il-prodott jiġi importat bi prezz inqas mill-PMI bid-dazju varjabbli. Ir-Regolament ta' abrogazzjoni daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2017, u għalhekk huwa applikabbli *ratione temporis* biss għall-importazzjonijiet li jsiru f'dik id-data jew warajha.

(17) Fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' tħassir fl-1 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni kompliet twettaq investigazzjonijiet dwar il-konformità mal-impenn għal fatturi ta' impenn maħruġa qabel dik id-data, u kkunsidrat xieraq li jinfetħu investigazzjonijiet ġodda għall-fatturi maħruġa waqt li l-impenn kien għadu fis-seħħ. Għal dawk l-investigazzjonijiet, dejn doganali jkun imġarrab hekk kif id-dikjarazzjoni tkun aċċettata għal rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera: (a) kull meta jiġi stabbilit, fir-rigward tal-importazzjonijiet fatturati mill-kumpaniji soġġetti għall-impenn, li waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet tal-impenn ma tkunx ġiet issodisfata; jew (b) meta l-Kummissjoni tikkonstata li l-impenn ikun inkiser f'regolament jew deċiżjoni li jirreferu għal tranżazzjonijiet partikolari u tiddikjara bħala invalidi l-fatturi rilevanti tal-impenn. Bl-istess mod, fatturi maħruġa qabel l-

([14]) ĠU C 310, 3.9.2018, p. 4.
([15]) ĠU C 310, 3.9.2018, p. 5.

1 ta' Ottubru 2017 taħt ir-reġim il-qadim, li kienu invokati bħala fatturi kummerċjali għall-importazzjonijiet fl-1 ta' Ottubru 2017 jew wara, jistgħu jiġu invalidati.

(18) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1551 ([16]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1329 ([17]), il-Kummissjoni invalidat il-fatturi maħruġa minn tliet produtturi esportaturi bi ksur tal-impenn waqt li kien għadu fis-seħħ.

D. **MONITORAĠĠ TAL-PRODUTTURI ESPORTATURI**

(19) Abbażi tal-Artikoli 8(7), 8(9) u 14(7) tar-Regolament antidumping bażiku u l-Artikoli 13(7), 13(9) u 24(7) tar-Regolament antisussidji bażiku, il-Kummissjoni saret konxja tal-evidenza ppreżentata minn Wuxi Suntech quddiem l-awtoritajiet doganali Ġermaniżi fir-rigward tal-konformità tagħha mal-impenn. Il-Kummissjoni analizzat ulterjorment l-informazzjoni sottomessa lilha minn Wuxi Suntech skont l-obbligi ta' rappurtar tagħha.

(20) Is-sejbiet elenkati fil-premessi (21) sa (23) hawn taħt jindirizzaw l-allegat ksur tal-impenn minn Wuxi Suntech waqt li dan kien għadu fis-seħħ.

E. **RAĠUNIJIET GĦALL-INVALIDAZZJONI TAL-FATTURI TAL-IMPENN**

(21) Filwaqt li l-impenn kien fis-seħħ Wuxi Suntech kellha tliet importaturi relatati fl-Unjoni, jiġifieri Suntech Power Deutschland GmbH ("Suntech Deutschland") fil-Ġermanja, Suntech Power Italy Co, Srl ("Suntech Italy") fl-Italja, u Suntech Europe France ("Suntech France") fi Franza. Dawk il-kumpaniji huma rreġistrati fl-impenn bħala partijiet relatati għal Wuxi Suntech. Wuxi Suntech qatt ma talbet li l-impenn jiġi rtirat għal dawk il-partijiet relatati.

(22) Fl-2018, fil-kuntest tal-kawża tal-qorti C-226/18 ([18]), sar magħruf lill-Kummissjoni li diversi fatturi minn Wuxi Suntech lil Suntech Deutschland datati mill-2014 kienu ġew ippreżentati għar-rilaxx mid-dwana fil-Ġermanja mingħajr qatt ma ġew irrappurtati lill-Kummissjoni bħala bejgħ mill-ġdid fil-qafas tal-impenn, u b'hekk ġew miksura d-dispożizzjonijiet tal-impenn kif deskritt fil-premessi (9) u (12) hawn fuq.

(23) Wara analiżi dettaljata li twettqet fis-sistema ta' monitoraġġ tal-impenji tagħha, il-Kummissjoni identifikat 28 tranżazzjoni minn Wuxi Suntech għal Suntech Deutschland, żewġ tranżazzjonijiet minn Wuxi Suntech għal Suntech Italy, u tmien tranżazzjonijiet minn Wuxi Suntech għal Suntech France li ma kinux irrappurtati fil-livell ta' bejgħ mill-ġdid ([19]) kif meħtieġ skont it-termini tal-impenn.

F. **FATTURI TA' IMPENN RILEVANTI**

(24) It-tranżazzjonijiet ta' bejgħ li saru minn Wuxi Suntech bi ksur tal-impenn (premessi (21)-(23)) huma marbuta mal-fatturi tal-impenn li ġejjin:

Numru tal-fattura kummerċjali li takkumpanja l-oġġetti soġġetti għal impenn	Data
SFDE20140601~0640	30.6.2014
SFDE20140245~0284	30.6.2014
SFDE20140165~0204	30.6.2014
SFDE20140001~0002	13.6.2014
SFDE20140005~0044	30.6.2014
SFDE20140481~0520	30.6.2014

([16]) ĠU L 260, 17.10.2018, p. 8.
([17]) ĠU L 207, 7.8.2019, p. 12.
([18]) EU:C:2019:440.
([19]) L-impenn jiddefinixxi "fattura ta' bejgħ mill-ġdid" bħala fattura ta' bejgħ maħruġa lill-ewwel klijent indipendenti fl-Unjoni minn parti relatata fl-Unjoni għall-prodott kopert jew il-prodott ikkonċernat (parti 1, Definizzjonijiet).

Numru tal-fattura kummerċjali li takkumpanja l-oġġetti soġġetti għal impenn	Data
SFDE20140045~0084	30.6.2014
SFDE20140365~0404	30.6.2014
SFDE20140285~0324	30.6.2014
SFDE20140561~0600	30.6.2014
SFDE20140325~0364	30.6.2014
SFDE20140721~0760	30.6.2014
SFDE20140125~0164	30.6.2014
SFDE20140761~0800	30.6.2014
SFDE20140445~0480	30.6.2014
SFDE20140641~0680	30.6.2014
SFDE20140521~0560	30.6.2014
SFDE20140205~0244	30.6.2014
SFDE20140681~0720	30.6.2014
SFDE20140405~0444	30.6.2014
SFDE20140085~0124	30.6.2014
SFDE20140003~0004	11.7.2014
REF0001~0040	19.9.2014
REF_EXWX0023~0027	19.9.2014
REF_EXWX0001~0022	19.9.2014
0308001312-009	21.5.2014
0308001312-015	17.7.2014
Lavansol201400001	13.3.2014

G. **SOTTOMISSJONIJIET BIL-MIKTUB U SEDUTI TA' SMIGĦ**

(25) Il-partijiet interessati ġew infurmati dwar il-konstatazzjonijiet, b'mod partikolari dwar l-intenzjoni li l-fatturi ta' impenn jiġu invalidati. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jinstemgħu u li jippreżentaw kummenti skont l-Artikolu 8(9) tar-Regolament anti-dumping bażiku u l-Artikolu 13(9) tar-Regolament antisussidji bażiku.

(26) Wuxi Suntech għamlet sottomissjonijiet bil-miktub fid-29 ta' Lulju 2019, fl-4 ta' Settembru 2019, fis-26 ta' Settembru 2019, fl-20 ta' Jannar 2020 u fit-3 ta' Marzu 2020.

(27) Fit-28 ta' Awwissu 2019 u fis-7 ta' Frar 2020, saru seduti ta' smigħ mas-servizzi tal-Kummissjoni wara talba ta' Wuxi Suntech.

(28) Wuxi Suntech sostniet li s-sjieda tagħha nbidlet fil-11 ta' Marzu 2014 meta, wara pjan ta' ristrutturar approvat minn Qorti Intermedja tal-Poplu Ċiniż, Jiangsu Shunfeng Photovoltaic Technology Co., Ltd, sussidjarja ta' Shunfeng Photovoltaic International Limited ([20]), akkwistat l-ishma kollha ta' Suntech.

([20]) Li bħalissa qed issir referenza għaliha bħala Shunfeng International Clean Energy Limited ("SFCE").

(29) Skont Wuxi Suntech, b'riżultat ta' din ir-ristrutturazzjoni tal-parteċipazzjoni azzjonarja, Suntech Power Holdings Co., Ltd ("Suntech Holdings") ([21]) ma baqgħtex il-kumpanija holding finali ta' Wuxi Suntech. Peress li Suntech Holdings kienet ukoll il-proprjetarja finali ta' Suntech France, Suntech Deutschland u Suntech Italy, Wuxi Suntech issostni li, mill-11 ta' Marzu 2014, dawn il-kumpanniji Ewropej ma baqgħux relatati ma' Wuxi Suntech. Konsegwentement, minn dak il-mument' il quddiem, Wuxi Suntech ma kienet taħt l-ebda obbligu li tirrapporta t-tranżazzjonijiet inkwistjoni bħala bejgħ mill-ġdid fil-qafas tal-impenn. Wuxi Suntech issostni li ma kisritx l-obbligi ta' rapportar tagħha skont l-impenn.

(30) Wuxi Suntech sostniet ukoll li hija infurmat lill-Kummissjoni dwar din il-bidla fis-sjieda. Skont hi, Wuxi Suntech, diġà f'Diċembru 2013, permezz tal-avukat tagħha, infurmat lill-Kummissjoni dwar bidla *imminenti* fl-istruttura tal-kumpanija. Hija siltet dan il-fehim minn ittra elettronika tas-6 ta' Jannar 2014, li semmiet komunikazzjoni ta' Diċembru 2013 mingħajr ma pprovdiet aktar dettalji dwar dan il-punt. Wuxi Suntech kompliet li, fit-22 ta' Mejju 2014, permezz ta' tweġiba għal kwestjonarju dwar il-bidla fl-isem mibgħut lilha mill-Kummissjoni, Wuxi Suntech kienet infurmat lill-Kummissjoni li ma kinitx aktar relatata mat-tliet kumpaniji fl-Ewropa.

(31) Barra minn hekk, skont Wuxi Suntech, l-obbligu ta' notifika tagħha stabbilit fil-klawżola 5.16 tal-impenn tagħha fir-rigward tal-bidliet fl-istruttura korporattiva tagħha kien debitament osservat sa mhux iktar tard mid-divulgazzjoni tagħha tat-22 ta' Mejju 2014.

(32) Bħala argument alternattiv, Wuxi Suntech sostniet li l-Kummissjoni ma setgħetx tinvalida fatturi tal-impenn u tordna li jkun hemm allegat ġbir retroattiv ta' dazji fuq importazzjonijiet preċedenti li diġà ġew irrilaxxati fiċ-ċirkolazzjoni libera. Skont Wuxi Suntech, il-ġbir retroattiv ta' dazji antidumping u kumpensatorji mingħajr ma jkun ġie rreġistrat u impost mill-ġdid dazju provviżorju fuq dawk l-importazzjonijiet minn qabel ikun bi ksur tal-Artikolu 8(1), (9) u (10) u l-Artikolu 10(5) tar-Regolament antidumping bażiku u tal-Artikolu 13(1), (9) u (10) u l-Artikolu 16(5) tar-Regolament antisussidji bażiku.

(33) Fl-aħħar nett, Wuxi Suntech sostniet li anki li kieku l-Kummissjoni setgħet timponi dazji b'mod retroattiv, id-dispożizzjonijiet abilitanti tal-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1238/2013, l-Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/367, l-Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1239/2013 u l-Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/366 skadew u ġew irrevokati mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1570, li jfisser li llum ma hemm l-ebda dispożizzjoni legali li tippermetti li l-fatturi tal-impenn jiġu invalidati.

(34) Il-Kummissjoni kkunsidrat il-kummenti ppreżentati mill-produttur esportatur u indirizzathom hawn taħt.

(35) Il-Kummissjoni l-ewwel indirizzat it-talba skont liema Suntech France, Suntech Deutschland u Suntech Italy ma kinux partijiet relatati ta' Wuxi Suntech mill-11 ta' Marzu 2014, u għalhekk il-kumpanija ma kienet taħt l-ebda obbligu li tirrapporta bejgħ mill-ġdid. Insostenn tat-talba tagħha, Wuxi Suntech hemżet ċirkolari tal-21 ta' Marzu 2014 ([22]) li permezz tagħha Hong Kong Exchange and Clearing Limited u The Stock Exchange of Hong Kong Limited ("il-borża ta' Hong Kong") għarrfu lill-azzjonisti ta' Shunfeng Photovoltaic International Limited bi proposta ta' "akkwist ta' interessi ta' ekwità f'Wuxi Suntech" ("l-akkwist").

(36) Skont din iċ-ċirkulari, dan l-akkwist kien suġġett għal żewġ kundizzjonijiet: a) li jiġi approvat mill-qorti Ċiniża, li fil-fatt seħħ fil-15 ta' Novembru 2013, u b) li jiġi approvat mill-azzjonisti f'laqgħa ġenerali li saret fis-7 ta' April 2014. Kif deskritt fiċ-ċirkolari, l-akkwist isir effettiv biss wara li jivvutaw l-azzjonisti.

(37) Iċ-ċirkulari tal-21 ta' Marzu 2014 tressqet għall-ewwel darba lill-Kummissjoni fid-29 ta' Lulju 2019, bħala l-Anness 5 tas-sottomissjonijiet ta' Wuxi Sunntech tal-istess data. Il-konferma li l-laqgħa ġenerali seħħet fis-7 ta' April 2014 tressqet aktar tard għall-attenzjoni tal-Kummissjoni wara t-talba tal-Kummissjoni fis-seduta li saret fit-28 ta' Awwissu 2019. Wuxi Suntech ressqet provi tad-data li fiha din il-laqgħa tal-azzjonisti seħħet biss fl-4 ta' Settembru 2019, permezz tal-Anness 4 għall-ittra elettronika mibgħuta mill-avukat ta' Wuxi Suntech tal-istess data.

([21]) Flimkien mas-sussidjarja b'sjieda ta' 100 % tagħha Power Solar System Co. Ltd.

([22]) Dokument anness bħala Anness 5 tas-sottomissjonijiet ta' Wuxi Suntech tad-29 ta' Lulju 2019.

(38) Madankollu, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda obbligu li timmonitorja fuq inizjattiva tagħha bidliet fl-istruttura korporattiva tal-kumpaniji li jkunu pprovdew impenn. Minflok, jirriżulta b'mod ċar mill-klawżoli 5.16 u 9.6 tal-impenn li huwa d-dmir tal-kumpanija rilevanti li tinforma lill-Kummissjoni b'tali bidliet u li tikkonforma mal-impenn sakemm l-impenn attwali jkun ġie mmodifikat sabiex jinkorpora l-bidla, jiġifieri sakemm l-ismijiet tal-kumpaniji li qabel kienu relatati jkunu tneħħew mill-impenn.

(39) Għalhekk, irrispettivament mid-data attwali li fiha seħħ l-akkwist, jibqa' essenzjali li jiġi vvalutat jekk Wuxi Suntech ssodisfatx l-obbligi li impenjat ruħha dwarhom skont il-klawżoli 5.16 u 9.6 tal-impenn.

(40) Il-Kummissjoni l-ewwel osservat li hija ġiet informata biss bil-fatt li Wuxi Suntech ma kinitx iktar relatata ma' Suntech France, Suntech Deutschland u Suntech Italy fit-22 ta' Mejju 2014. Għalhekk, għall-inqas għall-fatturi tat-13 ta' Marzu 2014 u tal-21 ta' Mejju 2014, ma hemm l-ebda dubju li kien hemm ksur tal-obbligi ta' rappurtar.

(41) Il-Kummissjoni tqis li Wuxi Suntech baqgħet ukoll marbuta bl-obbligi ta' rappurtar tagħha għaż-żmien wara t-22 ta' Mejju 2014. Fil-fatt, it-tliet kumpaniji relatati qatt ma tneħħew formalment mill-impenn. Għalhekk, Wuxi Suntech baqgħet marbuta li tirrapporta dwarhom sal-1 ta' Ottubru 2017.

(42) Il-klawżola 5.16 tal-impenn tistabbilixxi li s-CCCME u l-kumpanija jimpenjaw ruħhom li jinnotifikaw immedjatament lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla fl-istruttura korporattiva tagħha, li sseħħ matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-impenn. Tiddikjara wkoll li l-kumpanija tifhem li tali bidliet jistgħu jagħtu lok għall-bżonn li jiġu modifikati ċerti aspetti tal-impenn.

(43) Skont il-klawżola 9.6 tal-impenn, l-annessi huma parti integrali mill-impenn. L-Anness IX tal-impenn, b'mod partikolari, elenka b'mod eżawrjenti l-partijiet kollha relatati tal-esportaturi fl-Unjoni.

(44) Qari kkombinat ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet iwassal għall-konklużjoni li l-obbligi legali ta' Wuxi Suntech fir-rigward tal-impenn baqgħu fis-seħħ sakemm il-kumpaniji preċedentement relatati tagħha fl-Unjoni tneħħew minnju, u Anness IX ġdid u aġġornat, daħal fis-seħħ. Ikun biss f'dak il-punt li s-sitwazzjoni legali tinbidel f'termini li tippermetti lil Wuxi Suntech twaqqaf ir-rapportar tal-bejgħ mill-ġdid. Din il-bidla qatt ma seħħet.

(45) Skont id-dokumenti ppreżentati minn Wuxi Suntech, it-tħejjijiet għall-akkwist bdew f'Ottubru 2013 qabel ma l-Kummissjoni aċċettat l-offerta ta' impenn fi stadju definittiv f'Diċembru 2013. Preċedentement, f'Lulju 2013, Wuxi Suntech - permezz tas-CCCME - kienet diġà ppreżentat l-offerta ta' impenn iffirmata tagħha. Hija ma biddlitx dik l-offerta ta' impenn qabel ma l-Kummissjoni aċċettat l-offerta fi stadju definittiv. It-tliet kumpaniji ġew elenkati hemmhekk bħala kumpaniji relatati u ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ta' bidla possibbli imminenti fl-istruttura tal-kumpanija.

(46) L-aċċettazzjoni tal-impenn ħolqot kanal ta' komunikazzjoni dirett, ċar u dedikat bejn l-esportaturi u s-servizzi tal-Kummissjoni għall-finijiet tal-obbligi speċifiċi li jirriżultaw mill-impenn. Dan il-mezz ta' komunikazzjoni kien kaxxa postali funzjonali inkluża fit-test tal-impenn ([23]) għalkemm ġie stabbilit ukoll kuntatt dirett mal-uffiċjal inkarigat mill-impenn bħala alternattiva fit-test tal-impenn. Wuxi Suntech kienet, konsegwentement, konxja li l-komunikazzjoni tagħha fir-rigward tal-impenn kellha ssir permezz tal-kaxxa postali funzjonali jew permezz ta' kuntatt dirett tal-uffiċjal inkarigat mill-impenn. Madankollu, Wuxi Suntech qatt ma użat dawk il-mezzi ta' komunikazzjoni biex issemmi, jew tinforma lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla fl-istruttura tal-kumpanija tagħha.

(47) Minflok, Wuxi Suntech feħet mezz ġdid ta' komunikazzjoni: hija argumentat li, diġà f'Diċembru 2013, hija kkuntattjat lit-tim tal-Kummissjoni inkarigat mill-investigazzjonijiet antidumping u antisussidji oriġinali sabiex tindika b'mod preliminari l-bidliet imminenti fl-istruttura ta' Wuxi Suntech. Wuxi Suntech ma pprovdiet l-ebda evidenza li tappoġġa din il-komunikazzjoni jew li tagħti evidenza ta' liema informazzjoni ġiet skambjata iżda bbażat biss fuq ittra elettronika tas-6 ta' Jannar 2014, li għamlet referenza għal dik il-komunikazzjoni ta' Diċembru 2013.

([23]) Din il-kaxxa postali hija "TRADE-UT-HELPDESK@ec.europa.eu".

(48) Fis-6 ta' Jannar 2014, Wuxi Suntech bagħtet ittra elettronika lill-kaxxa postali funzjonali ddedikata għall-investigazzjonijiet antidumping u antisussidji oriġinali ([24]) biex titlob "kwestjonarju partikolari/kwestjonarju dwar bdil tal-isem". Is-servizzi tal-Kummissjoni wieġbu billi bagħtu kwestjonarju "bdil tal-isem" adattat lil Wuxi Suntech, kif normalment isir meta jintalab bdil fl-isem. Fl-14 ta' Jannar 2014, permezz ta' ittra elettronika, Wuxi Suntech imbagħad ipprovdiet aktar spjegazzjoni dwar il-bidla fl-istruttura tal-kumpanija tagħha. Din l-ittra elettronika ġiet sussegwentement segwita, fit-22 ta' Mejju 2014, minn risposta li kienet tinkludi l-kwestjonarju "bdil tal-isem" mimli. Dak il-kwestjonarju għall-ewwel darba semma l-istruttura korporattiva ġdida sħiħa u kkjarifika li t-tliet kumpaniji preċedentement relatati ta' Wuxi Sunntech fl-Unjoni ma kinux għadhom relatati magħha.

(49) F'Marzu 2014, Wuxi Suntech iddeċidiet li tieqaf tirrapporta l-bejgħ mill-ġdid ta' Suntech France, Suntech Deutschland u Suntech Italy lill-Kummissjoni. Madankollu, Wuxi Suntech qatt ma talbet biex il-kumpaniji fl-Ewropa jitneħħew mit-test tal-impenn, permezz tal-ebda wieħed miż-żewġ kanali ta' komunikazzjoni.

(50) Dik id-deċiżjoni unilaterali mingħajr ma t-tliet kumpaniji Ewropej qatt tneħħew mill-impenn kienet tmur kontra t-termini miftiehma tal-impenn. L-obbligu legali stabbilit fil-klawżola 5.16 tal-impenn kien osservat biss meta l-kumpaniji preċedentement relatati fl-Unjoni Ewropea tneħħew mit-test tal-impenn. Sa dak iż-żmien, l-obbligi ta' rappurtar ta' Wuxi Suntech kienu għadhom fis-seħħ. Kien għal kumpaniji li jkunu qed isirulhom bidliet fl-istruttura korporattiva biex jittrattaw ir-riskji kuntrattwali u l-konsegwenzi ta' dawk il-bidliet. Il-piż tal-ġestjoni ta' dawn ma kienx fuq in-naħa tal-Kummissjoni.

(51) It-tlestija tal-akkwist, id-data li fiha allegatament seħħ u l-konsegwenzi għall-funzjonament tal-impenn kienu kwistjonijiet li kellhom jingħiebu għall-attenzjoni tal-Kummissjoni sabiex tkun iġġustifikata din il-bidla fl-impenn. Sakemm il-Kummissjoni kienet ħadet deċiżjoni dwar l-aċċettazzjoni ta' bidla fit-termini tal-impenn, Wuxi Suntech kienet meħtieġa tosserva t-termini tiegħu, inkluż ir-rapportar għal kumpaniji rreġistrati bħala relatati fl-impenn. Barra minn hekk, sa fejn l-akkwist ta lok għall-ħtieġa li jiġi modifikat l-impenn, kien għal Wuxi Suntech li tagħti bidu għal tali bidla.

(52) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li t-tranżazzjonijiet mingħand Wuxi Suntech għal Suntech Deutschland, Suntech Italy, u Suntech France imsemmija fil-premessa (23) kellhom jiġu rrapportati fil-livell tal-bejgħ mill-ġdid. Dan in-nuqqas ta' rapportar ikkostitwixxa ksur tal-impenn.

(53) Fi kwalunkwe każ, u biss għall-argument, irrispettivament mid-data eżatta li fiha seħħ l-akkwist, tal-inqas il-bejgħ mill-ġdid fir-rigward tal-fatturi maħruġa qabel it-22 ta' Mejju 2014 kellu jiġi rrappurtat. Dan għaliex huwa jippreċedi d-data li fiha l-kumpanija infurmat lit-tim inkarigat mill-investigazzjoni oriġinali li ma kinitx għadha relatata mat-tliet kumpaniji fl-Unjoni. Għaldaqstant, l-ewwel affermazzjoni ġiet miċħuda.

(54) Fir-rigward tal-affermazzjoni tal-allegata retroattività tal-impożizzjoni tal-miżuri, il-Kummissjoni nnutat li, skont l-Artikolu 8(10) tar-Regolament antidumping bażiku u l-Artikolu 13(10) tar-Regolament antisussidji bażiku, dazju provviżorju jista' jiġi impost biss meta l-investigazzjoni li tkun wasslet għall-impenn ma tkunx tlestiet. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet ma japplikawx f'xenarju bħal dak preżenti.

(55) Il-każ preżenti jikkonċerna t-tneħħija tan-nuqqas temporanju ta' ħlas ta' dazji antidumping u dawk kompensatorji, minħabba li l-kundizzjonijiet għat-tkomplija ta' dak in-nuqqas ta' ħlas ma baqgħux jinstabu li huma veri.

(56) Il-Kummissjoni tfakkar li, skont id-Deċiżjoni 2013/423/UE tagħha, il-ksur tal-impenn jista' jirreferi għal tranżazzjonijiet partikolari ([25]). Dawk it-tranżazzjonijiet bi ksur tal-impenn immaterjalizzaw ruħhom f'fatturi li jridu jiġu invalidati mill-Kummissjoni. Dan jippermetti lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri biex jiġbru d-dejn doganali kollu. dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-awtoritajiet doganali jiġbru dawk id-dazji indipendentement minn sejba formali ta' ksur tal-impenn mill-Kummissjoni, abbażi tar-regoli ġenerali tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1238/2013 u (UE) Nru 1239/2013.

([24]) Dawn il-kaxxi postali huma "TRADE-SOLAR-DUMPING@ec.europa.eu" u "TRADE-SOLAR-SUBSIDY@ec.europa.eu", li ġew ikkomunikati lill-partijiet kollha fl-avviżi ta' ftuħ dwar dawn l-investigazzjonijiet.

([25]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/423/UE tat-2 ta' Awwissu 2013 li taċċetta impenn offrut b'rabta mal-proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi bis-silikon kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli u l-wejfers) li joriġinaw jew li jiġu kkonsenjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 209, 3.8.2013, p. 26, il-premessi (14) u (15)).

(57) Permezz tal-invalidazzjoni, il-Kummissjoni tinnotifika lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri li n-nuqqas temporanju ta' ġbir tad-dazji antidumping u kompensatorji applikabbli jitneħħa u li d-dazji individwali għandhom jinġabru għall-importazzjonijiet ikkonċernati. F'dawk iċ-ċirkostanzi, jidħlu fis-seħħ u japplikaw id-dazji definittivi stabbiliti mill-Artikolu 9(4) tar-Regolament antidumping bażiku u l-Artikolu 14(4) tar-Regolament antisussidji bażiku.

(58) Il-ġbir ta' dazji li kellhom ikunu dovuti minn dak iż-żmien ma jikkostitwixxix ksur tal-prinċipju tan-non-retroattività, jew, għal dik il-kwistjoni, ksur tal-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi: Wuxi Suntech kienet soġġetta għas-sitwazzjoni li ma tiksirx il-kundizzjonijiet meħuda, u, min-naħa tagħha, tibbenefika minn nuqqas temporanju ta' ġbir tad-dazji antidumping u kumpensatorji. Billi ma rrispettatx dawk il-kundizzjonijiet, ma tistax tiddikjara li kisbet aspettattivi leġittimi minn sitwazzjoni li kienet kapaċi tinbidel f'ċerti ċirkostanzi. L-allegazzjoni ta' retroattività ġiet miċħuda.

(59) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni indirizzat l-affermazzjoni li l-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1238/2013, l-Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/367, l-Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1239/2013 u l-Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/366) skadew u ġew revokati permezz tar-Regolament (UE) 2017/1570. Konsegwentement, Wuxi Suntech sostniet li ma kien hemm ebda bażi legali li setgħet tippermetti l-annullament ta' fatturi ta' impenn.

(60) Il-Kummissjoni spjegat li l-ksur tal-impenn seħħ matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-impenn.

(61) Kif imsemmi fil-premessa (17) hawn fuq, il-premessa (54) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1570 tgħid: "Il-Kummissjoni qiegħda tkompli twettaq investigazzjonijiet dwar il-konformità mal-impenn tal-prezz u tista' tiftaħ investigazzjonijiet ġodda għal oġġetti li ġew rilaxxati f'ċirkolazzjoni ħielsa filwaqt li l-impenn fuq il-prezz kien għadu fis-seħħ. Għal dawn l-investigazzjonijiet, l-Artikoli 2 u 3 tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/366 u (UE) 2017/367 jibqgħu l-liġi applikabbli. B'mod partikolari, dejn doganali jinħoloq hekk kif id-dikjarazzjoni tkun aċċettata għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera: (a) kull meta jiġi stabbilit, fir-rigward tal-importazzjonijiet fatturati mill-kumpaniji soġġetti għall-impenn, li waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet tal-impenn ma tkunx ġiet issodisfata; jew (b) meta l-Kummissjoni tikkonstata li l-impenn ikun inkiser f'regolament jew deċiżjoni li jirreferu għal tranżazzjonijiet partikolari u tiddikjara bħala invalidi l-fatturi rilevanti tal-impenn. Il-Kummissjoni qieset ukoll li produttur esportatur li jkun instab li kiser l-impenn jenħtieġ li ma jibbenefikax mill-PMI tad-dazju varjabbli, ukoll jekk dawn il-konstatazzjonijiet ikunu saru wara t-tmiem tal-impenn tal-prezz. F'dawk it-tipi ta' każijiet, il-PMI tad-dazju varjabbli jenħtieġ li ma jibqax aktar applikabbli. Il-Kummissjoni jenħtieġ li mbagħad tneħħi l-ismijiet tal-kumpanija (i) rispettiva/i mill-Anness VI l-ġdid u l-Anness 5 il-ġdid bl-istess att legali li fih huwa stabbilit in-nuqqas ta' konformità."

(62) F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni osservat li hija tikseb is-setgħa li tinvalida fatturi ta' impenn mill-Artikolu 14 tar-Regolament antidumping bażiku u l-Artikolu 24 tar-Regolament antisussidji bażiku. Barra minn hekk, ir-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jinvalida l-fatturi jiddikjara biss il-konsegwenza legali tal-ksur tal-impenn, li jirriżulta direttament mill-Artikolu 8 tar-Regolament antidumping bażiku u l-Artikolu 13 tar-Regolament antisussidji bażiku. Dawk is-setgħat huma rreġistrati għal darba oħra fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/366, l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/367, kif ukoll fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1238/2013 u l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1239/2013.

(63) Minħabba li l-ksur inkwistjoni deher ċar f'mument qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' tħassir, il-Kummissjoni tinsab f'pożizzjoni li tinvalida l-fatturi tal-impenn bis-saħħa tal-applikazzjoni tal-Artikoli 8 u 14 tar-Regolament antidumping bażiku, l-Artikoli 13 u 24 tar-Regolament antisussidji bażiku, l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1238/2013, l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/367, l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1239/2013, u l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/366. Il-fatt li l-Kummissjoni saret taf b'dak il-ksur biss wara t-tħassir ta' dawk id-dispożizzjonijiet permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1570 ma jnaqqasx il-ħtieġa għall-applikazzjoni effettiva ta' dawk ir-regoli u r-rekwiżit li l-fatturi jiġu invalidati mill-punt fiż-żmien meta seħħ il-ksur. Dan l-argument ġie għalhekk miċħud.

H. **KSUR TAL-IMPENN U IMPOŻIZZJONI TA' DAZJI DEFINITTIVI**

(64) Skont l-Artikolu 8(7) u 8(9) tar-Regolament anti-dumping bażiku, l-Artikolu 13(7) u l-Artikolu 13(9) tar-Regolament antisussidji bażiku, u skont it-termini tal-impenn, il-Kummissjoni kkonkludiet li Wuxi Suntech kisret l-impenn waqt li kien għadu fis-seħħ.

(65) Għalhekk, skont l-Artikoli 8(7), 8(9) u 14 tar-Regolament antidumping bażiku, l-Artikoli 13(7), 13(9) u 24 tar-Regolament antisussidji bażiku, l-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1238/2013, l-Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/367, l-Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1239/2013 u l-Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/366 li kienu fis-seħħ fiż-żmien tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera, il-fatturi ta' Wuxi Suntech elenkati fil-premessa (24) huma ddikjarati invalidi.

(66) Hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet doganali nazzjonali li jivvalutaw jekk il-perjodi ta' limitazzjoni applikabbli jkunux skadew f'konformità mar-regoli li jinsabu fl-Artikoli 221 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 ([26]) u 103 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 ([27]). Peress li dawn ir-regoli huma regoli sostantivi, l-applikazzjoni tagħhom *ratione temporis* tiddependi mid-data tad-dħul fiċ-ċirkolazzjoni libera tal-merkanzija ([28]).

(67) Id-dejn doganali mġarrab fiż-żmien tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera jenħtieġ li jiġi rkuprat u mdaħħal fil-kontijiet mill-awtoritajiet doganali nazzjonali skont l-Artikoli 218 *et seq* tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 u l-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

(68) Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li meta l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkollhom indikazzjonijiet li l-prezz ippreżentat f'fattura tal-impenn ma jkunx jikkorrispondi mal-prezz li fil-fatt tħallas, jenħtieġ li huma jinvestigaw jekk kienx hemm ksur tar-rekwiżit li jiġi inkluż kwalunkwe tnaqqis fil-fatturi tal-impenn jew jekk il-prezz minimu tal-importazzjoni (PMI) ma jkunx ġie rispettat.

(69) Jekk l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jikkonkludu li kien hemm ksur bħal dan jew li l-PMI ma ġiex rispettat, jenħtieġ li jiġbru d-dazji bħala konsegwenza ta' dan.

(70) Sabiex jiġi ffaċilitat ix-xogħol tal-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, il-Kummissjoni jenħtieġ li f'sitwazzjonijiet bħal dawn tikkondividi t-test kunfidenzjali u informazzjoni oħra tal-impenn għall-iskop uniku ta' proċedimenti nazzjonali abbażi tal-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-fatturi tal-impenn elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament huma ddikjarati invalidi.

2. Id-dazji antidumping u kumpensatorji dovuti fil-ħin tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għar-rilaxx f'ċirkolazzjoni libera skont l-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1238/2013, l-Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/367, l-Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1239/2013, u l-Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/366 għandhom jingħabru, għajr meta jkunu skadew il-perjodi ta' limitazzjoni applikabbli skont ir-regoli li jinsabu fl-Artikoli 221 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 ([29]) u 103 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 ([30]).

Artikolu 2

1. Meta l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkollhom indikazzjonijiet li l-prezz ippreżentat fuq fattura tal-impenn skont l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1238/2013, l-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/367, l-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1239/2013, u l-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/366, maħruġa minn Wuxi Suntech Power Co. Ltd qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament ma jkunx jikkorrispondi mal-prezz imħallas u li għalhekk il-kumpanija setgħet marret kontra l-impenn, l-awtoritajiet doganali jistgħu, jekk ikun meħtieġ għall-fini tat-twettiq ta' proċedimenti nazzjonali, jitolbu lill-Kummissjoni tiżvelalhom kopja tal-impenn u informazzjoni oħra sabiex jivverifikaw il-prezz minimu ta' importazzjoni applikabbli fil-jum meta nħarġet il-fattura tal-impenn.

([26]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

([27]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

([28]) Is-sentenza tat-23 ta' Frar 2006, *Molenbergnatie NV*, C-201/04, ECLI: UE:C:2006:136, il-paragrafu 41.

([29]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

([30]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

2. Meta l-verifika msemmija fil-paragrafu 1 tiżvela li skontijiet u tnaqqis ma jkunux ġew inklużi fil-fattura kummerċjali, id-dazji dovuti bħala konsegwenza skont l-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1238/2013, l-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/367, l-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1239/2013 u l-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/366 għandhom jinġabru.

3. L-informazzjoni skont il-paragrafu 1 tista' tintuża biss għall-iskop tal-infurzar tad-dazji dovuti skont l-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1238/2013, l-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/367, l-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1239/2013 u l-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/366. F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jistgħu jipprovdu lid-debitur ta' dawn id-dazji b'din l-informazzjoni għall-iskop uniku tas-salvagwardja tad-drittijiet ta' difiża tagħhom. Din l-informazzjoni taħt l-ebda ċirkostanza ma għandha tiġi żvelata lil partijiet terzi.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Marzu 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Lista ta' fatturi tal-impenn maħruġa minn Wuxi Suntech Power Co. Ltd, li huma ddikjarati invalidi:

Numru tal-fattura kummerċjali li takkumpanja l-oġġetti soġġetti għal impenn	Data
SFDE20140601~0640	30.6.2014
SFDE20140245~0284	30.6.2014
SFDE20140165~0204	30.6.2014
SFDE20140001~0002	13.6.2014
SFDE20140005~0044	30.6.2014
SFDE20140481~0520	30.6.2014
SFDE20140045~0084	30.6.2014
SFDE20140365~0404	30.6.2014
SFDE20140285~0324	30.6.2014
SFDE20140561~0600	30.6.2014
SFDE20140325~0364	30.6.2014
SFDE20140721~0760	30.6.2014
SFDE20140125~0164	30.6.2014
SFDE20140761~0800	30.6.2014
SFDE20140445~0480	30.6.2014
SFDE20140641~0680	30.6.2014
SFDE20140521~0560	30.6.2014
SFDE20140205~0244	30.6.2014
SFDE20140681~0720	30.6.2014
SFDE20140405~0444	30.6.2014
SFDE20140085~0124	30.6.2014
SFDE20140003~0004	11.7.2014
REF0001~0040	19.9.2014
REF_EXWX0023~0027	19.9.2014
REF_EXWX0001~0022	19.9.2014
0308001312-009	21.5.2014
0308001312-015	17.7.2014
Lavansol201400001	13.3.2014